MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 41/2006

Maryanne Calleja

vs

Noel Calleja

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tal-attrici li jghid hekk :

“Tikkundanna lill-konvenut Noel Calleja ta’ 15, Triq Xjuf Ir-Rih, Nadur, Ghawdex, ihallas is-somma ta’ mija u erbghin lira Maltin (Lm140) dovuti bhala manteniment ghat-trobbija ta’ wliedu Jake u Jonathan li twieldu fis-sbatax (17) ta’ April ta’ l-elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) u fis-sittax (16) ta’ April ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) rispettivament, liema manteniment ghandu jithallas bhala somma komplessiva ta’ hamsa u tletin lira maltin (Lm35) fix-xahar u dan kif miftiehem mill-partijiet fil-kuntratt ta’ separazzjoni taghhom datat erbgha u ghoxrin (24) ta’ Frar tas-sena elfejn (2000) fl-atti tan-Nutar Dottor

Kristen Dimech. Il-konvenut naqas li jhallas dan il-menteniment ghal dawn l-ahhar erbgha (4) xhur.

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont u l-ispejjez ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fl-4 ta' Novembru 2006, u baqa' ma dahhal ebda risposta, u lanqas ma deher personalment ghall-udjenzi tas-6 ta' Dicembru 2006, 17 ta' Jannar 2007, 14 ta' Marzu 2007, u tal-20 ta' Marzu 2007.

L-Avukat Dottor Joseph Grech deher ghall-konvenut fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2006, u ddikjara li l-konvenut ma kienx sejjer jaghmel ir-risposta ghat-talba tal-attrici, u hallas *seduta stante* pagament akkont fis-somma ta' disghin liri Maltin (Lm90) lill-attrici, u dwar il-bilanc irrizerva li l-konvenut jaghmel il-verifiki tieghu.

Fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2007, gewipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, baqa' ma deherx, u l-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta' attrici ghall-bilanc ta' hamsin lira maltin (Lm50) hija gusta u timmerita konferma.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attrici s-somma ta' hamsin liri Maltin (Lm50.00,0) bilanc minn somma akbar skond l-avviz tat-talba u ghall-istess ragunijiet hemm imsemmija, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tal-attrici, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------